# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ — ĠUNJU

L-AKKADEMJA TAL-MALTI — 1971


# IL-MALTI FIL-ĦAJJA TA' KULJUM

*Aktar minn ħamsin sena ilu, inħasset il-ħtieġa li xi ħadd jieħu ħsieb l-edukazzjoni u l-kultura tal-poplu tagħna b'mod aktar intensiv milli f'dak iż-żmien kienu joffru l-iskejjel tal-gvern ma' tul il-ftit snin li ma' tulhom it-tfal — min minnhom — kienu jmorru jitgħallmu hemmhekk. Nies ta' dehen, li kienu jaraw mill-bogħod, u ta' qalb ġeneruża, wieġbu għal din is-sejħa siekta, iżda qawwija. Huma dehrilhom, u ż-żmien tahom raġun, li dak il-għan seta' biss jintlaħaq permezz ta' tagħlim, qari, eċċ, bl-ilsien tal-poplu, jew l-Ilsien Malti. Ngħaġġlu nżidu li dawn in-nies kienu jħossu wkoll il-ġmiel tal-Malti u xtaqu jarawh ikkoltivat u studjat aktar u aħjar u mxerred u magħruf mill-kotra.*

*Għalhekk, fl-14 ta' Novembru, 1920, huma ngħaqdu flimkien, wara sejħa publika, u waqqfu dik li llum hi l-Akkademja tal-Malti, iżda li għadha wkoll magħrufa bħala l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti kif kien l-ewwel isem li ħadet ix-xirka tagħhom.*

*Huma kienu jafu li qabel ma setgħu jimxu 'l quddiem riedu l-ewwelnett isibu tarf ta' tfixkil kbir li kien qed ixekkel ħafna l-iżvilupp ta' l-Ilsien Malti fil-qasam letterarju; din kienet il-kustjoni ta' ortografija fissa, u mill-ewwel indaħlu biex iħolluha. Fl-1924 l-Għaqda ħarġet, mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern, it-"Tagħrif fuq il-Kitba Maltija" u b'hekk bdiet it-triq li llum wasslet mhux biss għal ortografija fissa li biha jinqeda kulħadd, għal żvilupp l-aktar kbir fil-qasam lingwistiku u letterarju malti, u għalhekk aktar kultura fost il-poplu, imma l-Ilsien Malti, l-ilsien tal-poplu, wasal biex jieħu postu fil-ħajja maltija, billi sar magħruf bħala l-Ilsien Nazzjonali, wieħed mill-ilsna uffiċjali tal-amministrazzjoni governativa u tal-Università Rjali, sar l-ilsien tal-Qrati, tal-Parlament, tal-Liturġija tal-Knisja Kattolika Maltija.*

*L-Akkademja tal-Malti ma tistax ma titkabbarx b'dak, li, bil-*

*għajnuna ta' oħrajn li ġibdu l-istess ħabel magħha, irnexxielha tikseb tul il-medda ta' ħamsin sena. Għalhekk iddeċidiet li tfakkar il-ħamsin anniversarju mit-twaqqif tagħha bi, fost ħwejjeġ oħra, serje ta' konferenzi.*

*L-ewwel waħda minn dawn saret fl-Istitut Kattoliku nhar it-Tlieta, 13 ta' Mejju, 1971, mill-Wisq Rev. Mons. Prof. Karm Sant, B.A., D.D., S.S.D., dwar "Il-Malti fil-Ħajja ta' Kuljum".*

*Kif min mar għall-konferenza seta' mill-ewwel japprezza, l-Akkademja mhix sodisfatta għal kollox b'dak li sar s'issa, imma trid tfittex in-nuqqasijiet u tara x'jista' jsir biex il-qagħda tgħaddi għall-aħjar. Infatti l-għaref oratur, li tkellem minn fond ta' esperjenza u osservazzjoni, wera b'mod ċar l-għeltijiet li daħlu fl-ilsien mitkellem, b'self ta' kliem u frażijiet barranin li mhux biss mhumiex meħtieġa, imma li huma la ħaġa u lanqas oħra, li jagħmlu lingwaġġ bastard u li jkerrhu 'l ilsienna; hu fisser dan b'eżempji ħajja u ssokta juri kif fil-qasam soċjali l-Malti baqa' miżmum lura u għadu mwarrab saħansitra minn dawk li meta jinqdew b'lingwa barranija, la jafuha, la jifhmuha u lanqas jafu jużawha tajjeb — imma biss jagħmlu bħal ħaddieħor anki meta dawn jiżbaljaw, biex bħallikieku posthom fis-soċjetà mhux biss jibqa' bla mittiefes imma jogħla, u b'hekk, jaħsbu huma, ikunu aktar rispettati minn għajrhom.*

*Wara d-diskors infetħet diskussjoni li ħadu sehem fiha kważi l-preżenti kollha u tressqu suġġerimenti siewja — l-aktar importanti, forsi, li l-Għalliema tal-Malti, f'kull xorta ta' skola li għandna, iħeġġu aktar it-tagħlim tal-Malti u jagħmluh prattiku b'mod li jilħaq il-ħtiġijiet tal-ħajja tagħna ta' kuljum, u f'manjera xierqa.*

*Għalaq is-serata l-President tal-Akkademja, li mhux biss irringrazzja lill-oratur, imma b'erba' kelmiet magħżula bil-għaqal wera x'irbaħna u x'għad irridu nirbħu.*

*Nittamaw li jinkiseb frott minn din il-ħidma, kif ukoll mill-konferenzi l-oħra li għandhom isiru skond il-programm imħejji diġa — u dejjem bl-iskop li jintlaħaq l-iskop li għalih twaqqfet ħamsin sena ilu l-GĦAQDA tal-KITTIEBA tal-MALTI.*